**250. L-Onor Evarist Bartolo ppropona din il-Mozzjoni:-**

Illi dan il-Parlament jiddibatti, jirrevoka u jħassar l-Avviż Legali 260 ta' l-2001 li bih il-Ministru ta' l-Edukazzjoni għamel regolamenti li bihom għolla l-ħlasijiet li għandhom jitħallsu għall-Eżamijiet tal-Matrikola u Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja ta' l-Universita' ta' Malta u li se jweġġgħu eluf ta' familji li wliedhom se jagħmlu dawn l-eżamijiet.

Illi din il-mozzjoni tiġi diskussa malajr kemm jista' jkun peress li bir-regolamenti tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni dawn iż-żidiet bdew iseħħu fl-1 ta' Novembru 2001. Dan ifisser li jekk l-Avviż Legali tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni jibqa' fis-seħħ eluf ta' familji se jkollhom iħallsu dawn iż-żidiet meta nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2001 jiftħu l-applikazzjonijiet għall-eżamijiet tal-Matsec għas-sessjoni ta' Mejju 2001.

06.11.2001